**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 28 ta' Novembru 2001

Citazzjoni numru 2291/00 AJM

Kawza numru

Tarcisio Galea Construction Ltd

Vs

Ballut Blocks Ltd

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-13 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi fil-11 ta' Novembru 1996 (?) kellha taghti lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' mija u tlettin elf, disa' mija u erbgha u disghin lira (LM130,949 sic?) prezz ta' materjal lilha fornit mill-istess socjeta' konvenuta; illi fit-22 ta' Marzu 1996 parti mill-ammont dovut lis-socjeta' konvenuta gie pacut u l-istess socjeta' konvenuta rilaxxat ricevuta a favur is-socjeta' attrici ghall-ammont ta' wiehed u sebghin elf lira (LM71,000) biex b'hekk baqa' bilanc ta' LM59,949 favur is-socjeta' konvenuta; illi permezz ta' ftehim tad-29 ta' April 1996 bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta gie miftiehem illi s-somma ta' hamsa u sebghin elf lira (LM75,000) jithallsu lis-socjeta'

konvenuta biex dawn, in parti jpacu l-kontijiet li kien hemm pendenti sa dik il-gurnata u d-differenza tittiehed mis-socjeta' attrici f'materjal u supplies minghand is-socjeta' konvenuta; illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta intraptet li tissupplixxi lis-socjeta' attrici materjal u supplies fl-ammont ta' hmistax-il elf u wiehed u hamsin lira (LM15,051); illi nonostante diversi talbiet biex tikkonsenja dan il-materjal, inkluzi ittri ufficjali tal-15 ta' Gunju 1997, tat-18 ta' Novembru 1997 u tas-17 ta' Mejju 1999, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; illi ghalhekk illum is-socjeta' attrici ghadha kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' LM15,051 u dana skond prospett anness; illi llum dan il-kreditu tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta huwa kreditu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti fl-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' esponenti is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjonijiet xi terssaq kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas tal-imsemmi ammont; talbet lid in il-Qorti:-

1. tipprocedi ghas-sentenza tal-kawza bid-dispensa tas-smiegh taghha ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas u tirrifondi lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM15,051 liema ammont kellu jithallas minnha f'materjal u supplies skond ftehim tad-29 ta' April 1996 bl-imghaxijiet mill-15 ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri legali tad-19 ta' Mejju 1997, tat-28 ta' Ottubru 1997, tas-27 ta' April 1998, ta' l-ittri ufficjali tal-15 ta' Gunju 1997, tat-18 ta' Novembru 1997, tas-17 ta' Mejju 1999 u tal-mandat ta' sekwestru ppresentat fid-29 ta' Settembru 2000 kontra s-socjeta'

konvenuta rappresentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti esebiti mill-attur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2001 meta l-konvenut inghata l-fakolta' li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-26 ta' Marzu 2001 meta s-socjeta' konvenuta eccepiet:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija nsostenibbli peress illi, hekk kif jidher mill-premessi tac-citazzjoni attrici u mill-ftehim tad-29 t'April 1996 annes mac-citazzjoni, l-arrangament bejn is-socjeta' eccipjenti u s-socjeta' attrici kien li s-socjeta' attrici kellha tittrasferixxi a favur tas-socjeta' eccipjenti proprjeta' immobbli valutata LM75,000 sabiex b'hekk jigu pacuti krediti a favur tas-socjeta' eccipjenti u l-bilanc rimanenti minn tali tpacija kellu jittiehed mis-socjeta' attrici f'materjal u supplies minghand is-socjeta' eccipjenti. Ghalhekk huwa car illi t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' eccipjenti ghall-hlas u rifuzjoni ta' somma ta' flus ammontanti ghal LM15,051 hija insostenibbli.
2. Illi bla pregudizzju s-somma ta' LM15,051 rikjesta hi ferm ezagerata in quanto s-socjeta' attrici waslet ghal tali bilanc wara li:-

    a. applikat rati ferm orhos minn dawk miftehma bejnha u s-socjeta' eccipjenti fil-kalkolu tal-valur tal-materjali u supplies li hi kienet hadet minghand is-socjeta' eccipjenti sad-data ta' meta saret it-tpacija;

b. ma haditx in konsiderazzjoni imghaxijiet li kienu iddekorrew a favur tas-socjeta' eccipjenti fuq il-materjali lilha forniti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Hadet konjizzjoni tan-noti ta' sottomissjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni ghas-seduta tal-lum.

Itrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Il-kwistjoni li qed tigi kunsidrata minn din il-Qorti f'din is-sentenza hija dik sollevata mis-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha. Bic-citazzjoni odjerna s-socjeta' attrici wara li spjegat id-diversi arrangamenti li kienu saru bejn il-kontendenti fir-rigward ta' debitu li l-istess socjeta' kellha fil-konfront tas-socjeta' konvenut, talbet li l-istess socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' LM15,051 li tirrapresenta l-bilanc rizultanti favur l-istess socjeta' wara trasferiment ta' proprjeta' bi tpacija ghad-debitu li s-socjeta' attrici kellha fil-konfron t tas-socjeta' konvenuta.

Bi ftehim tad-29 ta' April 1996 bejn il-kontendenti s-socjeta' attrici obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi lis-socjeta' konvenuta l-fond numru 28, Cathedral Street, Sliema versu l-prezz ta' LM75,000. Dan il-prezz kellu jigi skontat inkwantu ghal parti bi tpacija ma ammont

rizultanti dovut lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici u in parti cioe d-differenza "*tittiehed f'materjal u supplies li tissuplixxi l-istess kumpanija jew kumpaniji sussidjarji taghha u bil-prezz li jkun ghaddej fis-suq oltre VAT.*"

Ma ngiebet ebda prova dwar jekk l-att innifsu giex ppubblikat u b'hekk konsegwentement sehh it-trasferiment li welled id-dritt tas-socjeta' attrici ghall-ammont minnha pretiz. Izda jidher li dan l-fatt mhux kkontestat ghalkemm hemm kontestazzjoni dwar il-bilanc allegatament rizultanti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

Issa s-socjeta' attrici qed tallega li s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti nkwantu ma fornitx l-materjal li obbligat ruhha li tikkonsenja ghas-saldu tal-bilanc minnha dovut. Ghalhekk din il-Qorti qed tigi mitluba tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas u tirrifondi lis-socjeta' attrici dak l-ammont indikat fic-citazzjoni.

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija wahda purament ta' natura legali billi tattakka l-bazi tal-azzjoni kif proposta. Cioe jekk il-fattispecjie tal-kaz kif jirrizultaw fl-att tac-citazzjoni u fid-dokument li jifforma l-bazi tal-azzjoni, jiggustifikaw lill-attur jitlob il-hlas tas-somma reklamata.

Jidher li l-obbligazzjoni assunta mis-socjeta' konvenuta u cioe li tissuplixxi materjal u supplies lis-socjeta' attrici biex tiskonta l-bilanc rizultant bhala dovut, ma kellix terminu ghall-esekuzzjoni. B'dana kollu s-socjeta' attrici qed isostni li din l-azzjoni hija konsegwenza ta' allegata inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta li naqset li tonora l-obbligi assunti minnha fil-ftehim tad-29 ta' April 1996. Dan

ghaliex skond l-artikolu 1077 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta "*meta ma jkunx gie stabbilit ebda zmien ghall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni, din ghandha tigi ezegwita minnufih"*. Dwar dan il-ligi tipprovdi li meta x-xorta ta' l-obbligazzjoni, jew il-mod kif ghandha tigi ezegwita jew il-lok miftiehem ghall-esekuzzjoni taghha, jgibu maghhom il-htiega ta' zmien, dan ghandu jigi stabbilit mill-Qorti. Fil-kaz in ezami ma jidhirx, u lanqas ma huwa eccepit, li l-obbligazzjoni assunta mis-socjeta' konvenuta kienet taqa' taht xi wahda mill-kazijiet fuq imsemmija u konsegwentement la ma kienx mehtieg l-intervent tal-Qorti sabiex jigi stabbilit zmien ghall-ezekuzzjoni, din kellha tigi ezegwita minnufih. In-nuqqas ta' ezekuzzjoni ghalhekk jwassal ghall-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta.

Il-ftehim tad-29 ta' April 1996 kien jikkontempla mhux biss trasferiment ta' immobbli izda ukoll il-modalita' tal-pagament. Dan billi in parti kellu jigi pacut ma' kreditu tas-socjeta' konvenuta. Dan jidher li sar malli gie pubblikat il-kuntratt – ghalkemm jidher li hemm kontestazzjoni dwar il-mod kif gew komputati l-ammonti dovuti u konsegwentement il-bilanc rizultanti, u billi l-istess bilanc rizultanti dovut, jigi pacut ma forrnituri futuri ta' materjal u supplies. Dan, skond l-attur ma sarx. F'dan ir-rigward biss ghalhekk jidher li hemm l-allegata indempjenza kuntrattwali tas-socjeta' konvenuta.

L-attur qed isostni li gia la darba s-socjeta' konvenuta naqset mill-tonora l-obbligi taghha, allura huwa intitolat ghall-bilanc tal-prezz tal-fond minnu mibjugh. Apparti kwistjonijiet dwar kemm huwa l-ammont verament dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, jidher li l-azzjoni attrici hija inammissibbli u dana billi l-ligi tipprovdi rimedji specifici f'dawn ic-cirkostanzi.

L-artikolu 1069, li jitkellem dwar il-jeddijiet tal-parti li lejh ma tkunx giet ezegwita obbligazzjoni, jistabilixxi li dan jista' jew jitlob il-hall tal-kuntratt jew, meta jkun possibbli, li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni. Fil-kaz in ezami s-socjeta' attrici li tallega li hija "kreditrici" ta' obbligazzjoni assunta mis-socjeta' konvenuta la talbet il-hall tal-kuntratt u lanqas l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Ghalhekk proprjament l-azzjoni hija maghmula hazin.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddikjara l-azzjoni attrici inammissibbli u konsegwentement tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri